Australian Government

Coronavirus (COVID-19) — Tagħrif għall-komunità Awstraljana

## Salva l-ħajjiet u għin fit-tnaqqis tal-firxa tal-coronavirus fl-Awstralja

### OQGĦOD ID-DAR

- Tħallix darek għajr meta jkollok bżonn tagħmel dan.
- Għandek tevita tħalli darek għal kwalunkwe attività mhux essenzjali.
- Tistidinx membri tal-familja jew ħbieb darek.
- Oqgħod id-dar għajr jekk int:
    - qed tmur ix-xogħol jew qed teduka ruħek (jekk ma tistax tagħmel hekk mid-dar)
    - qed tagħmel ix-xirja għall-affarijiet tal-bżonn bħal ngħidu aħna prodotti tal-merċa (mur lura d-dar mingħajr telf ta' żmien)
    - qed toħroġ biex tagħmel eżerċizzju personali viċin ta' fejn toqgħod, waħdek jew ma' persuna waħda oħra
    - ikollok tmur għal xi appuntament mediku jew żjarat ta' kompassjoni.
- Servizzi mediċi, supermarkits, banek, pompi tal-petrol u servizzi tal-posta u tat-' twassil id-dar ser jibqgħu miftuħa.

### EVITA L-PERIKLU

- Dejjem ipprattika iġjene effettiva, aħsel idejk għal 20 sekonda bis-sapun u l-ilma, għatti ħalqek meta tisgħol, ara li ma tmissx għajnejk, imnieħrek u ħalqek.
- Żomm id-distanza soċjali tal-anqas 1.5 metri meta tkun barra darek.
- Evita li tagħti awguri fejn ikollok tmiss lil dak li jkun bħal meta tieħu bl-idejn xi ħadd, tgħanniq u bews.
- Uża s-sistema tat-taptap il-kard tiegħek u daqshekk (tap and go) minflok flus kontanti.
- Ivvjaġġa meta jkun hemm inqas nies u evita l-folol.
- Żomm ruħek aġġornata tajjeb- uża biss tagħrif uffiċjali li tista' torbot fuqu. Niżżel l-app tal-mowbajl tal-Coronavirus Australia, issieħeb fis-servizz Coronavirus Australia WhatsApp, u żur www.australia.gov.au għall-aħħar tagħrif.

### TINQATAX GĦALIK WAĦDEK

- Żomm kuntatt mal-familja u l-ħbieb tiegħek permezz tat-telefown jew onlajn.
- Wassal ix-xirja u affarijiet essenzjali lill-qraba akbar fl-età u persuni vulnerabbli. Ħallihom ħdejn il-bieb ta' barra.
- Organizzazzjonijiet importanti tal-voluntiera u organizzazzjonijiet tal-karità jistgħu jipprovdu servizzi lill-persuni li għadhom bżonnhom l-aktar.

**Tagħrif dwar is-Saħħa**

Is-Sintomi tal-coronavirus jinkludu:

- deni
- sogħla
- uġigħ fil-griżmejn
- għejja
- qtugħ ta' nifs

Jekk int marid u taħseb li jista' jkollok il-coronavirus, fittex l-għajnuna medika.

Tista' ċċempel lin-Linja Nazzjonali Telefonika tal-Għajnuna tal-Coronavirus għal tagħrif. Jekk għandek bżonn is-servizzi tat-traduzzjoni jew l-interpretar, ċempel 131 450.

Jekk għandek sintomi serji bħal meta issibha bi tqila biex tieħu n-nifs, ċempel 000 għall-għajnuna medika urġenti.

Il-websajt tad-Dipartiment tas-Saħħa fiha firxa ta' tagħrif disponibbli fil-lingwi barra l-Ingliż biex jgħinu lill-persuni jevitaw il-periklu u nnaqqsu r-riskji lill-komunità.

**Sapport finanzjarju għall-individwi u persuni taħt saqaf wieħed**

Il-Gvern Awstraljan qed jipprovdi għajnuna finanzjarja lill-Awstraljan biex jissapportjahom matul il-pandemija tal-coronavirus. Din l-għajnuna tinkludi pagamenti tas-sapport tad-dħul, pagamenti biex jissapportjaw persuni taħt saqaf wieħed u ħruġ kmieni temporanju mis-superannwazzjoni. Għal aktar tagħrif, żur www.servicesaustralia.gov.au

**Sapport finanzjarju għan-negozji**

Il-Gvern Awstraljan qed jissapportja negozji Awstraljani jimmaniġġjaw l-isfidi tal-fluss tal-flus u jżommu l-impjegati. L-għajnuna tinkludi sapport tal-fluss tal-flus lin-negozji u miżuri temporanji biex jipprovdi għajnuna lin-negozji f'qagħda ħażina.

**Pagament taż-Żamma tal-Impjegati (JobKeeper payment)**

Jekk in-negozju tiegħek intlaqat b'mod sinifikanti mill-coronavirus int ser tkun tista' taċċessja sussidju tal-pagi biex tkompli tħallas lill-impjegati tiegħek. Skont il-programm JobKeeper, int ser tkun tista' tikklejmja pagament ta' kull ħmistax ta' $1,500 għal kull impjegat eliġibbli mit-30 ta' Marzu 2020, għall-massimu ta' sitt xhur. Din l-għajnuna ser tgħinek iżżomm l-impjegati tiegħek u tgħinek terġa' tibda meta tgħaddi l-pandemija. Għal aktar tagħrif dwar sapport finanzjarju, eliġibilità u żmien żur www.business.gov.au

**L-ebda tkeċċija**

It-tkeċċijiet ser ikunu posposti għal sitt xhur mill-gvernijiet statali u territorjali. Is-Sidien u minn qed jikri huma mħeġġa jitkellmu dwar ftehim għal tul ta' żmien qasir.

**Restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar**

Hemm fis-seħħ projbizzjoni ta' safar li żżomm liċ-ċittadini kollha mhux Awstraljani u mhux residenti milli jidħlu l-Awstralja.

Persuni eżentati mill-projbizzjoni tal-ivvjaġġar jinkludu membri immedjati tal-familja ta' ċittadini Awstraljani u residenti permanenti, inklużi kunjugi, dipendenti minuri, kuraturi legali, sieħba de facto. Il-vjaġġaturi kollha iridu bil-fors jqattgħu 14-il ġurnata kwarantina wara li jidħlu l-Awstralja.

**Tagħrif għal dawk li għandhom viża temporanja**

Dawk li għandhom viża li jixtiequ jibqgħu fl-Awstrlja għaż-żmien ta' wara d-data ta' skadenza tal-viża kurrenti tagħhom iridu japplikaw għal viża oħra. Dawk li għandhom viża għandhom

jinvestigaw l-għażliet tagħhom dwar il-viża biex isibu viża ġdida li tgħodd għaċ-ċirkustanzi tagħhom u jiċċekkjaw jekk jistgħux japplikaw għaliha.

Għal aktar tagħrif dwar ir-restrizzjonijiet tal-ivvjaġġar u l-viżi, żur https://covid19.homeaffairs.gov.au